

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgerichts Berlin (il-Ġermanja) fit-22 ta' Jannar 2010 — Landwirtschaftliches Unternehmen e.G. Sondershausen vs BVVG Bodenverwertungs- und -verwaltungs GmbH

(Kawża C-37/10)

(2010/C 100/30)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht Berlin

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Landwirtschaftliches Unternehmen e.G. Sondershausen

Konvenuta: BVVG Bodenverwertungs- u -verwaltungs GmbH

Domanda preliminari

It-tieni u t-tielet sentenzi tal-Artikolu 5(1) tal-Flächenerwerbsverordnung, adottat sabiex jimplementa l-punt 1 tal-Artikolu 4(3) tal-Ausgleichsleistungsgesetz, huma inkompatibbli mal-Artikolu 87 KE?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Belġju) fil-25 ta' Jannar 2010 — Vlaamse Dierenartsenvereniging VZW u Marc Janssens vs Ir-Renju tal-Belġju

(Kawża C-42/10)

(2010/C 100/31)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Raad van State (il-Belġju)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Vlaamse Dierenartsenvereniging VZW u Marc Janssens

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju

Parti intervenjenti: Luk Vangheluwe

Domandi preliminari

(1) L-Artikoli 3(b), 4(2), 5, u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003, dwar il-ħtiġiet rigward is-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-pets [annimali domestiċi] u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE u l-artikoli u l-annessi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2003/803/KE⁽²⁾, tas-26 ta' Novembru 2003, li tistabbilixxi mudell ta' passaport tal-movimenti fil-Komunità ta' klieb, qtates u nemes, jipprekludu li sistema nazzjonali fil-qasam tal-passaporti għal qtates u għal nemes tirreferi, minn naħa, għall-mudell u għar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2003 imsemmija iktar 'il fuq, iżda, min-naħa l-oħra, timponi b'mod addizzjonali li kull passaport ikollu numru uniku kompost minn tlettax-il simbolu, jiġifieri l-kodiċi ISO tal-Belġju "BE", segwit min-numru ta' approvazzjoni tad-distributur kompost minn żewġ ċifri u minn numru sussegwenti ta' disa' ċifri?

(2) L-Artikoli 3(b), 4(2), 5 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 998/2003 [...] u l-artikoli u l-annessi tad-Deċiżjoni Nru 2003/803/KE [...] jipprekludu li sistema nazzjonali tuża wkoll il-mudell ta' passaport Ewropew għall-annimali domestiċi bħala prova tal-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni ta' klieb, u, barra minn hekk, tistabbilixxi li terzi jagħmlu bidliet, permezz ta' tikketti ta' identifikazzjoni li jitwawhlu waħedhom, li jirrigwardaw l-identifikazzjoni tas-sid u tal-annimal fil-partijiet I sa III tal-passaport Ewropew għall-annimali domestiċi u li huma vverifikati minn veterinarju rikonnauxut, bir-riżultat li tiżded id-data tal-identifikazzjoni preċedenti?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 39, p. 75

⁽²⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 41, p. 198

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Symvoulio tis Epikrateias (il-Greċja) fil-25 ta' Jannar 2010 — Nomarchiaki Aftodioikisi Aitoloakarnanias et, Elliniki Etaireia gia tin Prostatia tou Perivallontos kai tis Politistikis Klironomias et, u Pagkosmio Tameio gia ti Fysi — WWF Ellas vs Ipourgos Perivallontos, Khorotaxias kai Dimosion Ergon et

(Kawża C-43/10)

(2010/C 100/32)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Qorti tar-rinviju

Symvoulio tis Epikrateias